



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

**Analiżi Rapida dwar
Każ Speċifiku
Rimborż tal-VAT fil-
qasam tal-Koeżjoni -
użu tal-fondi tal-UE li
huwa suxxettibbli
għall-iżbalji u li
mhuwiex ottimu**

Novembru 2018

Contents

	Paragraph
Introduzzjoni	01-02
X'inhi l-VAT u kif taħdem?	03-05
Regoli ta' eliġibbiltà għall-VAT fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni	06-09
Rimborż tal-VAT: spiss huwa sors ta' żbalji, inkonsistenzi u użu mhux ottimu tal-fondi	10-22
Żbalji kkwantifikati dovuti għar-rimborż ta' VAT ineliġibbli	12-13
Inkonsistenzi fit-trattament tal-VAT bħala nfiq eliġibbli	14-18
L-użu tal-fondi tal-UE fir-rimborż tal-VAT lill-korpi pubbliċi, mhuwiex ottimu	19-22
It-tentattiv tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-sitwazzjoni	23-32
X'għara sa issa	23-26
X'jista' jiġri fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss?	27-32
Glossarju	
Tim tal-QEA	

Introduzzjoni

01 Fir-Rapporti Annwali 2015 u 2017 tagħna, aħna ġbidna l-attenzjoni għall-kumplessità tat-trattament tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) bħala spiża eliġibbli fil-qasam tal-Koeżjoni, speċjalment fil-każ ta' *korpi pubbliċi*¹. Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni addizzjonali u b'hekk jikkomplementa l-osservazzjonijiet u l-fehmiet li aħna esprimejna fl-Opinjoni Nru 6/2018 dwar il-proposta tal-Kummissjoni rigward it-trattament futur tal-VAT fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni².

02 Għal dan l-għan, aħna analizzajna r-riżultati tal-awditi tagħna relatati mad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS) fir-rigward tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni li twettaq fis-snin preċedenti. Ibbażat fuq l-analiżi tagħna, aħna qed nipprovdu stampa ġenerali tal-problemi prinċipali li sibna fir-rigward tal-VAT:

- ir-raġunijiet sottostanti għall-iżbalji kwantifikabbli li sibna;
- l-inkonsistenzi fit-trattament tal-VAT u
- l-użu mhux ottimu tal-fondi tal-UE.

¹ Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2017, il-paragrafi 6.40 sa 6.42; il-QEA (2016): ir-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2015, il-paragrafi 6.31 sa 6.35.

² Ara l-paragrafi 87 sa 89 tal-Opinjoni Nru 6/2018.

X'inhil-VAT u kif taħdem?

03 Il-VAT hija taxxa indiretta imposta fuq il-konsum ta' oġġetti u servizzi, u hija rregolata minn regoli li huma stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri. Ir-rati *standard tal-VAT* fl-UE jvarjaw minn 17 % fil-Lussemburgu għal 27 % fl-Ungerija. Biex jiġi żgurat ċertu livell ta' armonizzazzjoni fl-UE kollha, id-Direttiva tal-2006 dwar il-VAT³ tipprovdi sistema komuni tal-VAT li l-Istati Membri huma meħtieġa li jintegraw fir-regoli nazzjonali tagħhom.


04 Persuna taxxabli⁴ hija meħtieġa tiddebita l-VAT fuq l-attivitajiet taxxabli tagħha (bejgħ) u tgħaddi l-ammont li tkun għabret lill-awtorità nazzjonali tat-taxxa. Min-naħa tagħha mbagħad, il-persuna taxxabli tista' titlob rifużjoni tal-VAT li tkun diġà tħallset fuq ix-xiri relatat ta' oġġetti u servizzi li jsir minnha stess.

05 Fi tmiem il-proċess ta' produzzjoni u/jew ta' negozjar, il-baġit tal-istat jirċievi l-ammont totali tal-VAT li tkun inkluża fil-prezz finali. Il-konsumatur aħħari, li ma jżid l-ebda valur addizzjonali għall-prodott, ma għandux id-dritt għal rifużjoni u għaldaqstant iġarrab l-ispiża totali tal-VAT bħala parti mill-prezz finali tal-prodott li jkun xtara (ara l-**Figura 1**).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠUL 347/1, 11.12.2006).

⁴ Inġenerali, "persuna taxxabli" tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Figura 1 – Kif taħdem il-VAT



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Regoli ta' eliġibbiltà għall-VAT fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni

06 L-infiq tal-UE spiss jinvolve s-sussidjar ta' spejjeż relatati max-xiri ta' oġġetti jew servizzi. Il-VAT relatata tista' tirrappreżenta sa wieħed minn ħamsa tal-ispiża ta' proġett (ara l-paragrafu 03). Minħabba dan, it-trattament tal-VAT huwa kwistjoni importanti fil-kuntest tal-eliġibbiltà tal-infiq ikkofinanzjat mill-baġit tal-UE.

07 Il-fondi relatati mal-*politika ta' Koeżjoni* jirrimborżaw l-infiq lill-benefiċjarji li jikkonformaw kemm mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE kif ukoll ma' dawk nazzjonali. Il-qasam tal-VAT huwa wieħed mill-ftit oqsma fejn il-prinċipji ta' eliġibbiltà huma ddefiniti fil-livell tal-UE. Dawn ir-regoli ilhom bejn wieħed u ieħor l-istess mis-sena 2000⁵. Fil-prinċipju, il-VAT tkun eliġibbli għal kofinanzjament fil-każ biss li ma tkunx rekuperabbli taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT⁶.

08 L-istess bħalma kien il-każ f'perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) 2014-2020 juża t-terminu "rekuperabbli" bħala kriterju ta' eliġibbiltà. Dan ifisser li meta l-benefiċjarji jkun jistgħu jirkupraw il-VAT, din ma titqiesx bħala spiża eliġibbli, irrispettivament minn jekk huma fil-fatt jirkuprawx l-infiq tal-VAT jew le. B'konsegwenza, għall-benefiċjarji li ma jkunux persuni suġġetti għall-VAT u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jirkuprawha, din il-VAT normalment titqies bħala spiża eliġibbli.

⁵ Ir-Regola Nru 7: VAT u taxxi u imposti oħra tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 tat-28 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mal-eliġibbiltà tal-infiq ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali (ĠU L 193, 29.7.2000, pp. 9–48).

⁶ L-Artikolu 69(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

09 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) introduċiet interpretazzjoni usa' tal-kunċett ta' rkuprabbiltà f'żewġ deċiżjonijiet tagħha⁷ tal-2012. Hija kkonkludiet li eżaminar formali tal-istatus fiskali ta' beneficijarju mhuwiex bażi suffiċjenti biex tittieħed deċiżjoni dwar l-irkuprabbiltà tal-VAT u għaldaqstant l-eliġibbiltà tagħha. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jfidu jieħdu kont ukoll tal-istruttura operazzjonali ta' proġett kofinanzjat, li jista' jinkludi entitajiet differenti. Dan jimplika li, anke jekk entità pubblika bi status mhux taxxabli tkun il-benefiċjarju tal-għajjnuna mill-UE għall-bini ta' kwalunkwe oġġett ta' infrastruttura, il-VAT relatata trid titqies bħala rekuperabbli jekk l-infrastruttura tkun/se tkun operata minn entità differenti li tiddebita l-ispejjeż, inkluża l-VAT, lill-utenti aħħarin. Il-**Kaxxa 1** tagħti sommarju tal-każ u turi l-interpretazzjoni legali vinkolanti tal-QĠUE fir-rigward tal-irkuprabbiltà tal-VAT.

Kaxxa 1

Sentenza tal-QĠUE dwar il-VAT mhux rekuperabbli

Fl-Ungerija, impriża konġunta pubblika tal-Istat timmaniġġja l-kostruzzjoni ta' awtostrada f'isem l-Istat. Wara li titlesta l-awtostrada, id-drittijiet tas-sjieda jiġu ttrasferiti mingħajr ħlas lil kumpanija pubblika oħra, li timmaniġġja l-proprjetà tal-Istat. Kumpanija jerġa' oħra tal-Istat topera l-awtostrada u tiġbor il-pedaġġi bl-inklużjoni tal-VAT.

Il-kumpanija li timmaniġġja l-kostruzzjoni kienet il-benefiċjarju tal-għajjnuna mill-UE u kkalkulat ir-rata ta' nfiq eliġibbli billi ħadet inkunsiderazzjoni kemm l-ispiża totali tal-infrastruttura (inkluża l-VAT) kif ukoll l-introjtu tad-dħul mill-pedaġġi. Peress li ma għandhiex operazzjonijiet kummerċjali, hija kkunsidrat il-VAT bħala nfiq eliġibbli u talbet ir-rimborż korrispondenti. Madankollu, il-Kummissjoni sostniet li, taħt dan l-arranġament, peress li l-kumpanija tiġbor il-pedaġġi, il-VAT hija *de facto* rekuperabbli, u għaldaqstant mhix eliġibbli. Is-sentenza tal-QĠUE kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, sommarju tal-Kawża T-89-10.

⁷ Il-Kawża T-89/10 u l-Kawża T-407/10, l-Ungerija vs il-Kummissjoni, sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2012.

Rimborż tal-VAT: spiss huwa sors ta' żbalji, inkonsistenzi u użu mhux ottimu tal-fondi


10 Fix-xogħol tagħna relatat mad-DAS, aħna ltqajna ma' problemi dwar l-eliġibbiltà tal-VAT, li spiss wasslu għal żbalji li aħna kkwantifikajna. Aħna identifikajna wkoll inkonsistenzi fit-trattament tal-VAT bħala spiża eliġibbli, kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejniethom, u sitwazzjonijiet fejn ir-rimborż tal-VAT wassal b'mod ċar biex il-fondi tal-UE ma jintużawx b'mod ottimu f'termini ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-każijiet seħħew meta korpi pubbliċi kienu l-benefiċjarji tal-għajjnuna mill-UE.

11 Il-paragrafi li ġejjin jippreżentaw ir-riżultati tal-analiżi li wettaqna tal-proġetti li eżaminajna f'awditi preċedenti relatati mad-DAS u jipprovdu dettalji dwar is-sejbiet tagħna.

Żbalji kkwantifikati dovuti għar-rimborż ta' VAT ineliġibbli

12 Mill-2015 sal-2017, aħna awditajna 561 operazzjoni bħala parti mill-awditi tagħna relatati mad-DAS. Fi 73 % tal-każijiet, il-benefiċjarji tal-għajjnuna mill-UE kienu korpi pubbliċi. Aħna kkwantifikajna 94 żball, li 20 minnhom (21 %) kienu jikkonċernaw ir-rimborż ta' VAT ineliġibbli. Kważi dawn l-iżbalji kollha (95 %) kienu jirrigwardaw korpi pubbliċi. Il-**Figura 2** turi l-iżbalji tal-VAT li sibna, bħala perċentwal tal-iżbalji totali kkwantifikati fl-2015, fl-2016 u fl-2017.


Figura 2 – Sejbiet dwar il-VAT f’awditi relatati mad-DAS mill-2015 sal-2017



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

13 F’14-il każ, il-benefiċjarji ddikjaraw VAT mhux rimborżata bħala spiża minkejja li huma – jew ir-riċevituri finali – kellhom id-dritt li jirkuprawha, jgħidli din kienet *rekuperabbli*. F’sitt każijiet, il-benefiċjarji talbu ir-rimborż tal-VAT fuq il-bażi biss ta’ eżaminar formali tal-istatus ta’ benefiċjarji. F’dawn il-każijiet, la l-benefiċjarju u lanqas l-awtoritajiet tal-Istat Membru ma rrikonoxxew li n-natura tal-attività kofinanzjata kienet *de facto* l-VAT bħala rekuperabbli. Dan kien ifisser li l-VAT ma kinitx eliġibbli għar-rimborż. Il-**Figura 3** turi t-tipi differenti ta’ żbalji li sibna u tagħti eżempji tad-diversi każijiet.

Figura 3 – Tipi ta' żbalji tal-VAT li nstabu f'awdituri relatati mad-DAS, flimkien ma' eżempji



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Inkonsistenzi fit-trattament tal-VAT bħala nfiq eliġibbli

14 Ir-rimborż tal-VAT bħala spiża eliġibbli mill-baġit tal-UE jiddependi, sa ċertu punt, minn kif il-proġetti jkunu strutturati, qasam li fih l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom il-libertà li jiddeċiedu. L-implimentazzjoni ta' proġett partikolari (eż. infrastruttura) tista' tiġi organizzata b'diversi modi fi Stati Membri differenti, li twassal għal inkonsistenzi fit-trattament tal-VAT ġewwa l-UE.

15 Xi wħud mill-Istati Membri jużaw entitajiet għal skop uniku biex jimplimentaw proġetti tal-infrastruttura. Inġenerali, dawn l-entitajiet ikunu kollha kemm huma proprjetà tal-Istat, jew tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali, iżda jkunu joperaw fi ħdan il-qafas legali ta' kumpanija privata. F'dawn il-każijiet, il-kumpanija pubblika tkun entità taxxabli suġġetta għall-VAT, u din it-taxxa hija għalhekk ikkunsidrata rekuperabbli u ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE.

16 F'każijiet oħra, il-benefiċjarju dirett tal-għajjnuna mill-UE huwa l-Istat jew awtorità reġjonali jew lokali (jew korp li jkun taħt l-awtorità tagħha). Peress li dawn il-korpi


pubbliċi normalment ma jirkuprawx il-VAT, din l-ispiża tista' tiġi rimborżata lill-Istati Membri mill-fondi tal-UE.

17 It-**Tabella 1** tippreżenta d-diversi strutturi ta' implimentazzjoni fis-settur tat-toroq fl-Istati Membri li awditjajna⁸. Hija turi li fi 73 % tal-każijiet l-Istati Membri joperaw sistema fejn il-VAT tkun eliġibbli.

Tabella 1 – Natura tal-benefiċjarji u eliġibbiltà tal-VAT fis-settur tat-toroq

Stat Membru ⁽¹⁾	Aġenzija jew fond pubbliku (jew simili)	Awtorità tal-istat, reġjonali jew lokali	Kumpanija pubblika
Il-Bulgarija	eliġibbli		
Ir-Repubblika Ċeka	eliġibbli	eliġibbli	
Il-Ġermanja		eliġibbli	
L-Estonja	eliġibbli		
Spanja	eliġibbli		
Il-Greċja		eliġibbli/ineliġibbli	ineligiġibbli
L-Ungerija			ineligiġibbli
L-Italja		eliġibbli	ineligiġibbli
Il-Latvja		eliġibbli	
Malta	eliġibbli		
Il-Polonja	eliġibbli	eliġibbli	
Il-Portugall			ineligiġibbli
Ir-Rumanija		ineligiġibbli	
Is-Slovenja			ineligiġibbli
Is-Slovakkja		eliġibbli	

Eliġibbiltà tal-VAT ta' proġetti ta' infrastruttura tat-toroq (% tal-għadd ta' proġetti tat-toroq li ġew awditjati)



(1) L-Istati Membri li mhumiex fil-lista jew ma kinux inklużi fil-kampjun tagħna jew inkella ma eżaminajniex il-proġetti ta' infrastruttura tat-toroq li saru fihom.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

18 Kif jidher fil-**Kaxxa 2**, aħna sibna wkoll sitwazzjonijiet fejn l-istess tip ta' benefiċjarju, għall-istess tip ta' proġett imwettaq fi Stat Membru wieħed, ittratta l-VAT b' modi differenti. Din l-interpretazzjoni inkonsistenti tal-liġi fiskali toħloq inċertezza fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-infiq.

⁸ L-istess japplika għal tipi oħra ta' infrastruttura, bħal dik ferrovjarja.

Kaxxa 2

Eżempju ta' inkonsistenza fit-trattament tal-VAT iddikjarata fil-kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' riċerka

Bħala parti mill-awditi tagħna relatati mad-DAS, aħna awditjajna erba' proġetti li kienu jinvolvu l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' riċerka fir-Repubblika Ċeka. Il-benefiċjarji kienu erba' universitajiet pubbliċi fi bliet Ċeki differenti. Kull università ttrattat il-VAT b'mod differenti u kkunsidrat proporzjonijiet differenti tal-VAT bħala spiża eliġibbli. Għalkemm l-universitajiet kollha huma suġġetti għall-istess leġiżlazzjoni, il-perċentwal ta' VAT mhux irkuprata kien ivarja minn 23 % għal 100 %.

L-awtoritajiet Ċeki aċċettaw il-VAT mhux irkuprata li ġiet iddikjarata mill-benefiċjarju bħala spiża eliġibbli, iżda ma evalwawx l-ammont li kien verament rekuperabbli. Is-sors prinċipali tat-trattament differenti kien il-fatt li kull università interpretat il-liġi fiskali Ċeka b'mod differenti, partikolarment l-interpretazzjoni tat-terminu "attività ekonomika", u kif dan għandu jiġi applikat għall-kalkolu tat-tnaqqis *pro rata* tat-taxxa.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-użu tal-fondi tal-UE fir-rimborż tal-VAT lill-korpi pubbliċi, mhuwiex ottimu

19 Inġenerali, il-korpi pubbliċi huma kkunsidrati bħala l-konsumaturi aħħarin, jiġifieri ma għandhomx id-dritt li jingħataw rimborż tal-VAT għall-attivitajiet li jwettqu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi (eż. edukazzjoni, kura tas-saħħa jew servizzi soċjali). Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma tal-fehma li, f'dawn is-sitwazzjonijiet, il-VAT effettivament tiġġarrab mill-korp pubbliku fil-kapaċità tiegħu bħala benefiċjarju, u għalhekk tikkostitwixxi nfiq eliġibbli.

20 Madankollu, il-VAT iddikjarata bħala nfiq mill-korpi pubbliċi ma tirrappreżentax spiża netta għall-Istat Membru. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-gvernijiet nazzjonali jimplimentaw proġetti kbar tal-infrastruttura, eż. permezz ta' ministeru jew ta' korp direttament taħt l-awtorità tiegħu. Huma jistgħu jiddikjaraw il-VAT bħala spiża eliġibbli peress li l-ministeru ma jistax jirkupraha (ara l-paragrafu 16) u l-UE tirrimborzaha lill-awtoritajiet tal-Istat Membru. Madankollu, fl-istess waqt, il-baġit nazzjonali jirċievi wkoll id-dħul mill-VAT permezz tas-sistema normali ta' tassazzjoni tiegħu.

21 Ir-rimborż mill-UE jista' jkun anki akbar mill-ispejjeż li realment jiġġarrbu għall-proġett, mingħajr il-VAT, li jfisser li l-introjtu kumplessiv tal-baġit nazzjonali jkun aktar mill-infiq reali (ara l-eżempju fil-**Figura 4**). Dan iseħħ meta s-sehem nazzjonali tal-finanzjament ta' proġett jkun aktar baxx mir-rata tal-VAT⁹. Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, dan huwa partikolarment rilevanti għall-Fond ta' Koeżjoni, li jiffinanzja proġetti kbar tal-infrastruttura, u fejn il-maġġoranza l-kbira tal-proġetti jibbenfikaw minn rata ta' kofinanzjament mill-UE ta' 80 % jew aktar¹⁰.


22 Fil-fehma tagħna, min perspettiva ta' ġestjoni finanzjarja tajba, dan jirrappreżenta użu tal-fondi tal-UE li mhux ottimu u ma jipprovdi l-ebda valur miżjud. Ibbażat fuq il-kampjun ta' proġetti li eżaminajna bejn l-2015 u l-2017, aħna nistmaw li ammont ta' madwar EUR 750 miljun ta' nfiq tal-VAT iddikjarat ġej minn proġetti implimentati minn korpi pubbliċi. Madwar nofs dan l-ammont jirrigwarda proġetti taħt il-Fond ta' Koeżjoni fejn ir-rata ta' kofinanzjament hija aktar minn 80 %.

⁹ L-Istati Membri għandhom il-libertà li jistabbilixxu r-rati ta' kofinanzjament fil-livell tal-proġetti dment li jirrispettaw ir-rata medja ta' kofinanzjament stabbilita għall-assi prijoritarji tal-PO.

¹⁰ 84 % tal-proġetti taħt il-Fond ta' Koeżjoni fil-kampjun tagħna kellhom rata ta' kofinanzjament ta' 80 % jew aktar. Fil-każ ta' proġetti taħt il-FEŻR, dan il-perċentwal huwa biss ta' 50 %.

Figura 4 – Kumpens żejjed tal-infiq tal-VAT

Benefiċjarju:	Gvern ċentrali (Ministeru għat-Trasport)
Proġett:	Kostruzzjoni ta' awtostrada mingħajr pedaġġ
Rata standard tal-VAT:	21 %
Kofinanzjament mill-UE għall-proġett:	85 %



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

It-tentattiv tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-sitwazzjoni

X'ġara sa issa

23 Il-Kummissjoni ppruvat tindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-irkuprabbiltà tal-VAT fil-proposta tagħha dwar is-CPR 2014-2020 għall-Fondi SIE¹¹. Għalkemm ir-rekwiżit bażiku tal-eliġibbiltà kien li l-VAT mhux rekuperabbli biss għandha tiġi rimborżata, il-proposta ssuġġeriet li jiġi eskluż ir-rimborż tal-VAT mħallsa minn persuni mhux taxxabli kif iddefinit fid-Direttiva tal-VAT (inġenerali, il-korpi pubbliċi), jew imħallsa fuq proġetti tal-infrastruttura. Il-leġislaturi ma żammewx din il-possibbiltà fir-Regolament kif finalment ġie approvat.

24 Fl-2015, aħna rrakkomandajna lill-Kummissjoni li jeħtieġ li l-kunċett ta' VAT rekuperabbli jiġi kkjarifikat sabiex ma jkunx hemm inkonsistenzi fl-interpretazzjoni u sabiex jiġi evitat li l-fondi tal-UE ma jintużawx b'mod ottimu, partikolarment għall-benefiċjarji pubbliċi. B'rispons għar-rakkomandazzjoni tagħna, il-Kummissjoni ħejjiet gwida dwar is-suġġett, li ġiet ippubblikata f'Novembru 2018¹².

25 In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni hija dokument komprensiv li jittratta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-VAT taħt ir-regoli tal-politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2014-2020. Hija tispjega l-prinċipji li skonthom trid titwettaq il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-VAT u tikkjarifika l-mod kif din l-eliġibbiltà trid tiġi ttrattata f'xenarji differenti (b'mod partikolari kif għandha tiġi interpretata l-ġurisprudenza tal-QĠUE). Madankollu, l-eliġibbiltà tal-VAT fil-qasam tal-Koeżjoni tibqa' kwistjoni kumplessa u fin-nota ta' gwida tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li se tistabbilixxi l-pożizzjoni finali tagħha dwar din il-kwistjoni fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont meħud tal-partikolaritajiet tal-operazzjonijiet differenti.

¹¹ L-Artikolu 59.3(c) ta' COM(2011)0615 final.

¹² SWD(2018)459 final – Guidance note on Conditions for eligibility of VAT under Cohesion policy rules in the 2014-2020 programming period (Nota ta' gwida dwar il-Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-VAT taħt ir-regoli tal-politika ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020).

26 Fir-Rapport Annwali 2017 tagħna, aħna rrakkomandajna wkoll lill-Kummissjoni biex tipproponi bidliet leġislattivi fis-CPR għall-qafas finanzjarju wara l-2020 sabiex irrimborż tal-VAT lill-korpi pubbliċi mill-fondi tal-UE jiġi eskluż. Minflok, il-Kummissjoni pproponiet regola simplifikata dwar l-eliġibbiltà tal-VAT, kemm għall-benefiċjarji pubbliċi kif ukoll għal dawk privati¹³. Skont din ir-regola, il-VAT – sew jekk rekuperabbli u sew jekk le – tiġi rimborżata jekk l-ispiża totali ta' proġett tkun inqas minn EUR 5 miljun. Għal proġetti li jaqzbu dan is-soll, il-VAT kollha (inkluża dik mhux rekuperabbli) tkun ineliġibbli.

X'jista' jiġri fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss?

27 Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi aktar ċertezza legali meta mqabbel ma' perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, u fil-prinċipju l-applikazzjoni tagħha hija aktar sempliċi. Madankollu, aħna ma nafux jekk hemmx xi raġuni għalfejn is-soll ta' EUR 5 miljun ġie stabbiliti f'dan il-livell.

28 Barra minn hekk, il-proposta ma ssolvix il-kwistjoni dwar l-użu mhux ottimu tal-fondi tal-UE għal proġetti taħt dan is-soll:

- il-korpi pubbliċi jibqgħu jirċievu l-fondi tal-UE anke jekk il-VAT ma tkunx tirrappreżenta spiża ġenwina għall-Istati Membri; u
- il-VAT tkun rimborżata mill-baġit tal-UE anke għal proġetti fejn din ma tkunx tirrappreżenta spiża reali għall-benefiċjarju (eż. negozji privati li jistgħu jirkupraw il-VAT).

29 Ir-Regolament propost dwar is-CPR jipprovdi flessibbiltà konsiderevoli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiddefinixxu l-ambitu ta' proġett. Dan jista' jwassal

¹³ L-Artikolu 58.1(c) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, (COM(2018) 375 finali)

biex il-benefiċjarji jistabbilixxu proġetti li jkunu artifiċjalment taħt is-soll ta' EUR 5 miljun sabiex jimmassimizzaw il-possibbiltà li jiksbu l-fondi tal-UE¹⁴.

30 Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni għall-politika ta' Koeżjoni 2021-2027 għadha mhix konsistenti mar-regoli applikabbli għal oqsma oħra ta' politika. Ir-Regolament Finanzjarju, li jistabbilixxi regoli finanzjarji ġenerali għall-baġit tal-UE, jiddefinixxi kif għandha tiġi ttrattata l-VAT fil-każ ta' għotjiet li jiġu mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni¹⁵. Il-VAT tkun eliġibbli biss¹⁶ jekk ma tkunx rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tal-VAT u titħallas minn benefiċjarju li ma jkunx persuna mhux taxxabli fis-sens tad-Direttiva tal-VAT. B'hekk, iġenerali, il-korpi pubbliċi (awtoritajiet tal-istat, reġjonali u lokali, kif ukoll korpi oħra rregolati mid-dritt pubbliku) ma jistgħux jiddikjaraw il-VAT bħala spejjeż eliġibbli.

31 Għalhekk, aħna nsostnu li r-rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2017¹⁷, jiġifieri li jiġi eskluż ir-rimborż tal-VAT lil korpi pubbliċi mill-fondi tal-UE, tnaqqas ir-riskju ta' żbalji fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni u tiżgura li, mill-perspettiva ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jsir użu aħjar mill-fondi tal-UE.

32 F'konformità mas-sitwazzjoni legali li ffurmat il-bażi tar-rakkomandazzjoni tagħna (ara l-paragrafi 7 u 8), u b'segwitu tal-argument ippreżentat fil-paragrafu 88 tal-

¹⁴ Għal proġett b'baġit ta' EUR 8 miljun, il-benefiċjarju ma jikseb l-ebda rimborż tal-VAT. Madankollu, jekk l-istess benefiċjarju jistabbilixxi żewġ proġetti ta' EUR 4 miljun, il-VAT għat-tnejn li huma tkun eliġibbli. B'rata ta' kofinanzjament ta' 70 % u b'rata tal-VAT ta' 20 %, id-differenza fl-għotja li jirċievi fiż-żewġ xenarji hija ta' madwar EUR 1 miljun.

¹⁵ L-Artikolu 186(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, pp. 1–222). Dawn id-dispożizzjonijiet huma l-istess bħar-regoli ta' eliġibbiltà ddefiniti fl-Artikolu 126(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju mħassar (Nru 966/2012) u fl-Artikolu 187 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (Nru 1268/2012) dwar l-applikazzjoni tar-regoli.

¹⁶ L-eċċezzjonijiet għal dan huma ddefiniti fl-Artikolu 186(4) tar-Regolament Finanzjarju.

¹⁷ Ara l-paragrafi 6.40 sa 6.42 u l-paragrafu 6.78, kif ukoll ir-rakkomandazzjoni 2 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

Opinjoni Nru 6/2018, jeħtieġ li l-VAT tiġi rimborżata biss lil għadd żgħir ta' korpi privati li ma jistgħux jirkuprawha, jiġifieri meta din tkun tirrappreżenta spiża ġenwina¹⁸.

Dwar ir-Rapporti Annwali u l-Analiżijiet Rapidi dwar Każijiet Speċifiċi, maħruġin mill-QEA

Fir-rapporti annwali tagħna, aħna nipprovdu stampa ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE matul is-sena u nagħmlu suġġerimenti dwar kif din tista' tittejjeb. B'dan il-mod, aħna nassistu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-iskrutinju li jwettqu tal-mod kif jintużaw il-fondi tal-UE.

L-analiżijiet rapidi dwar każijiet speċifiċi la jużaw xogħol ġdid tal-awditjar u lanqas ma jippreżentaw sejbiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar ġodda. Huma jippreżentaw u jistabbilixxu fatti li jikkonċernaw suġġetti speċifiċi, u jipprovdu analiżi ffukata li tiffaċilita l-fehim tal-kwistjonijiet involuti.

It-tim tal-awditjar jista' jiġi kkuntattjat fl-indirizz elettroniku:
ECA-COH-SOA-2018@eca.europa.eu

¹⁸ Fuq il-bażi tal-561 proġett li eżaminajna fil-kuntest tax-xogħol tagħna relatat mad-DAS bejn l-2015 u l-2017, aħna nistmaw li l-perċentwal ta' korpi privati li ma setgħux jirkupraw il-VAT kien ekwivalenti biss għal 0.2% tal-benefiċjarji kollha.

Glossarju

Fondi relatati mal-politika ta' Koeżjoni: Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-fondi relatati mal-politika ta' Koeżjoni jagħmlu parti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE).

Koeżjoni: Isem qasir għas-Subintestatura 1b tal-QFP "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

Korpi pubbliċi: Awtoritajiet tal-gvern nazzjonali, reġjonali jew lokali, jew kwalunkwe korp ieħor li huwa rregolat mid-dritt pubbliku.

Persuna taxxabli: Ġeneralment negozju, kummerċjant individwali jew professjonist ieħor.

Rati standard tal-VAT: Din hija r-rata li pajjiż tal-UE jrid japplika għall-oġġetti u għas-servizzi kollha li mhumiex eżentati. Stat Membru jista' japplika rati mnaqqsa fuq oġġetti jew servizzi, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet

Rifużjoni: "Rifużjoni" ma tfissirx neċessarjament fluss reali tal-flus, iżda tista' tkun tnaqqis fit-taxxa tal-bejgħ.

Tim tal-QEA

Din l-analiżi rapida dwar każ speċifiku ġiet adottata mill-Awla II tal-Awditjar li tispesjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA. Il-kompitu tmexxa minn Tony Murphy, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Wolfgang Stolz, Kap tal-Kabinett, Brian Murphy, Attaché tal-Kabinett u Peter Borsos, Assistent tal-Kabinett; Juan Ignacio Gonzalez Bastero, Maniġer Prinċipali u Orsolya Szarka, Kap tal-Kompitu. Mark Smith ipprova appoġġ lingwistiku.

F'dawn l-aħħar snin, aħna ppreżentajna, fir-rapporti annwali tagħna, għadd ta' żbalji u nuqqasijiet fit-trattament tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) bħala spiża eliġibbli fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni. Dan id-dokument ta' analiżi għandu l-għan li jikkomplementa l-osservazzjonijiet relatati mal-VAT li għamilna fir-rapporti annwali tagħna u l-fehmiet li esprimejna fl-Opinjoni Nru 6/2018.

Bl-użu tar-riżultati u tad-data minn awditi preċedenti relatati mad-DAS, aħna analizzajna r-relazzjoni bejn l-irkuprabbiltà tal-VAT u l-eliġibbiltà tagħha. Aħna qed nipprovdu stampa ġenerali tal-iżbalji u l-inkonsistenzi li sibna, u niġbdu l-attenzjoni għal każijiet fejn il-fondi tal-UE ma ntużawx b'mod ottimu b'riżultat ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-irkuprabbiltà tal-VAT, b'mod partikolari fil-każ ta' korpi pubbliċi li jirċievu għajjnuna mill-UE.

Ibbażat fuq l-analiżi tagħna u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti li għamilna, aħna tal-opinjoni li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li jirrevedu r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-VAT.

Madankollu, jeħtieġ li l-isforzi għas-simplifikazzjoni tar-regoli jkunu jappoġġaw il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE.

It-tim tal-awditjar jista' jiġi kkuntattjat fl-indirizz elettroniku:

ECA-Cohesion-SoA-2018@eca.europa.eu.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx

Sit web: eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditors



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.